32006D0704

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-20 ta' Ottubru 2006

dwar il-pubblikazzjoni b'restrizzjoni tar-referenza ta' l-istandard EN 848-3:1999 "Sigurtà tal-magni għax-xogħol ta' l-injam – Magni ta' naħa waħda li jagħmlu l-forom b'għodda li ddur – Parti 3: Magni tat-tħaffir u magni għar-routing b'kontroll numeriku (KN)"skond id-Direttiva 98/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(innotifikata taħt document numru C(2006) 4901)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/704/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 98/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri marbuta mal-magni [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti stabbilit mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistipula proċedura għad-dispożizzjoni ta' l-informazzjoni fil-qasam ta' l-istandards tekniċi u r-regolamenti u r-regoli dwar is-Servizzi tas-Soċjeta ta' l-Informatika [2],

Billi:

(1) Fejn livell stabbilit nazzjonali li jittrasponi livell stabbilit armonizzat, li r-referenza għalih tkun ġiet ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, ikopri wieħed jew iktar mill-ħtiġiet essenzjali ta' sigurtà, stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 98/37/KE, il-makkinarju mibni b'mod konformi ma' dan l-istandard għandu jitqies li jikkonforma mal-ħtiġiet rilevanti.

(2) Ir-referenza ta' l-istandard EN 848-3:1999 dwar is-sigurtà tal-magni għax-xogħol ta' l-injam, adottat mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) fl-1 ta' Lulju 1999, ġie ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* [3]

(3) Wara oġġezzjoni formali mill-Iżvezja, il-Kummissjoni ddeċidiet permezz tad-Deċiżjoni 2002/1002/KE [4] biex ma tirtirax ir-referenza ta' l-istandard EN 848-3:1999 mill-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*. Għaldaqstant, l-istandard EN 848-3:1999 kompla joħloq preżunzjoni ta' konformità għall-ħtiġijiet essenzjali ta' sigurtà stipulati fid-Direttiva 98/37/KE.

(4) F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-oġġezzjoni mill-Iżvezja, il-Kummissjoni tat mandat lill-Organizzazzjoni ta' l-Istandardizzazzjoni (CEN) biex temenda l-istandard EN 848-3:1999 sa l-1 ta' Jannar 2005, sabiex jagħti attenzjoni speċjali għar-riskju li joħorġu xi biċċiet u għall-installazzjoni ta' karrateristiċi protettivi li jipprovdu protezzjoni aktar tajba.

(5) Skond l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 98/37/KE fit-28 ta' Lulju 2005, il-Ġermanja ressqet oġġezzjoni formali fir-rigward ta' l-istandard ta' l-EN 848-3:1999.

(6) Wara li eżaminat l-istandard EN 848-3:1999, il-Kummissjoni stabbiliet li din ma tilħaqx il-ħtiġijiet essenzjali ta' saħħa u sigurtà 1.1.2(a) (Prinċipji ta' integrazzjoni ta' sigurtà), 1.3.2 (Riskju ta' tifrik waqt l-operazzjoni), 1.3.3 (Riskji minħabba oġġetti li jaqgħu jew joħorġu) u 1.4.1 (Ħtiġijiet ġenerali għal apparat li jħares u jipproteġi) ta' l-Anness I tad-Direttiva 98/37/KE. L-ispeċifikazzjonijiet ta' EN 848-3:1999 fil-klawsola 5.2.7.1.2 (b), paragrafi 1 sa 6, dwar il-karatteristiċi ta' u l-għażla tal-materjali għall-ilqugħ tal-purtieri, speċjalment purtieri ta' l-istrixxi, mhumiex adatti biex jipprevjenu partijiet ta' għodda li prevedibbilment joħorġu minn posthom.

(7) Is-CEN għadha ma emendatx l-istandard EN 848-3:1999, kif mitlub fil-mandat ta' standardizzazzjoni Nru 311 mogħti lilha fir-rigward tad-Direttiva 98/37/KE.

[1] ĠU L 207, 23.7.1998, p. 51. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 98/79/KE (ĠU L 331, 7.12.1998, p. 1).

[2] ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37. Direttiva kif emendata l-aħħar bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

[3] ĠU C 110, 15.4.2000, p. 38.

[4] ĠU L 349, 24.12.2002, p. 103.

(8) Sakemm jiġi emendat l-istandard EN 848-3:1999, fl-interess tas-sigurtà u ċertezza legali, il-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* ta' l-istandard ta' referenza EN 848-3:1999 għandu għalhekk ikun akkumpanjat minn twissija xierqa. L-Istati Membri għandhom iżidu twissija identika fl-istandards nazzjonali tagħhom li jittrasponu l-istandard EN 848-3:1999.

(9) Ir-referenzi ta' l-istandard EN 848-3:1999 għandhom għalhekk jiġu ssostitwiti skond dan.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-istandard ta' referenza EN 848-3:1999 "Sigurtà tal-magni għax-xogħol ta' l-injam – Magni ta' naħa waħda li jagħmlu l-forom b'għodda li ddur – Parti 3: Magni tat-tħaffir u magni għar-routing b'kontroll numeriku (KN)" hija ssostitwita b'test stipulat fl-Anness.

Artikolu 2

Fejn, skond l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 98/37/KE, l-Istati Membri jippublikaw ir-referenzi ta' l-istandards nazzjonali li jittrasponu l-istandard armonizzat EN 848-3:1999, għandhom iżidu ma' dik il-pubblikazzjoni twissija identika għal dik prevista fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar l-20 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kummissjoni

Günter VERHEUGEN

Viċi-President tal-Kummissjoni

ANNESS

"(Pubblikazzjoni ta' titli u referenzi ta' standards armonizzati taħt id-Direttiva)

ESO [1]	Referenza u titlu ta' l-istandard armonizzat (u d-dokument ta' referenza)	L-ewwel pubblikazzjoni ĠU	Referenza ta' l-istandard li ħa post l-iehor	Id-data ta' tmiem tal-preżunzjoni tal-konformità ta' l-istandard li ħa post l-iehor Nota 1
CEN	EN 848-3:1999 Sigurtà tal-magni għax-xogħol ta' l-injam – Magni ta' naħa waħda li jagħmlu l-forom b'għodda li ddur – Parti 3: Magni tat-tħaffir u magni għar-routing b'kontroll numeriku (KN)	15.4.2000	—	

Twissija: Dwar il-karatteristiċi u l-għażla tal-materjali għall-ilqugħ tal-purtieri, speċjalment il-purtieri bl-istrixxi, din il-pubblikazzjoni ma tikkonċernax il-klawsoli 5.2.7.1.2 (b), paragrafi 1 sa 6, ta' dan l-istandard, l-applikazzjoni li ma tagħtix preżunzjoni ta' konformità għall-ħtiġijiet essenzjali ta' saħħa u sigurtà 1.3.2, 1.3.3 u 1.4.1 ta' l-Anness I tad-Direttiva 98/37/KE f'konnessjoni mal-ħtiġijiet essenzjali ta' saħħa u sigurtà 1.1.2 (a) ta' dak l-Anness.

([1]) ESO: Organizzazzjoni Ewropea għall-Istandardizzazzjoni:
— CEN: rue de Stassart 36, B-1050 Brussell, Tel.(32-2) 550 08 11; fax (32-2) 550 08 19 (http://www.cenorm.be),
— CENELEC: rue de Stassart 35, B-1050 Brussell, Tel.(32-2) 519 68 71; fax (32-2) 519 69 19 (http://www.cenelec.org),
— ETSI: 650, route des Lucioles, F-06921 Sophia Antipolis, Tel.(33) 492 94 42 00; fax (33) 493 65 47 16 (http://www.etsi.org).

Nota 1 Ġeneralment, id-data ta' tmiem il-preżunzjoni tal-konformità se tkun id-data ta' l-irtirar ('dow'), stipulata mill-Organizzazzjoni Ewropea għall-Istandardizzazzjoni, imma tinġibed l-attenzjoni ta' l-utenti għall-fatt li dan jista' jkun mod ieħor f'ċerti każi eċċezzjonali.

Nota 2.1 L-istandard il-ġdid (jew emendat) għandu l-istess ambitu ta' l-istandard li ħadlu postu. Fid-data ddikjarata, l-istandard li ħadlu postu jieqaf jagħti l-preżunzjoni ta' konformità bil-ħtiġijiet essenzjali tad-direttiva.

Nota 3 F'każ ta' emendi, l-istandard ta' referenza huwa EN CCCCC:YYYY, l-emendi ta' qabel, jekk kien hemm, u l-emenda kkwotata l-ġdida. L-istandard li ħadlu postu (kolonna 3) għalhekk jikkonsisti f' EN CCCCC:YYYY u l-emendi ta' qabel, jekk kien hemm, iżda mingħajr l-emenda kkwotata l-ġdida. Fid-data ddikjarata, l-istandard li ħadlu postu jieqaf jagħti l-preżunzjoni ta' konformità bil-ħtiġijiet essenzjali tad-direttiva.

Nota 4 Preżunzjoni ta' konformità għal prodott tintlaħaq permezz ta' konformità mal-ħtiġijiet ta' Parti 1 u l-Parti 2 rilevanti meta din il-Parti 2 tkun ukoll imniżżla fil-ĠU skond id-Direttiva 98/37/KE.

Nota:

— Kull tagħrif dwar id-disponibilità ta' l-istandards jista' jinkiseb jew mill-Organizzazzjonijiet Ewropej għall-Istandardizzazzjoni jew mill-korpi nazzjonali ta' l-istandardizzazzjoni li l-lista tagħhom hija annessa fid-Direttiva 98/34/KE ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill emendata bid-Direttiva 98/48/KE ([2]).

— Il-pubblikazzjoni tar-referenzi fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* ma għandhiex timplika illi l-istandards huma disponibbli fl-ilsna Komunitarji kollha.

— Din il-lista tissostitwixxi l-listi kollha ta' qabel ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*. Il-Kummissjoni tiżgura l-aġġornament ta' din il-lista.

Aktar informazzjoni dwar l-istandards armonizzati fuq l-Internet jinsabu fuq http://europa.eu.int/comm/enterprise/newapproach/standardization/harmstds/

([1])ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37.
([2])ĠU L 217, 5.8.1998, p. 18."